MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 75/2005/1

**Maria Caruana Demajo**

**vs**

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali f'isem il-Gvern ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Frar, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-8 ta' Frar 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lid-direttur konvenut li jhallasha b'titolu ta' danni s-somma ta' elf hames mija u tmienja u ghoxrin lira, (Lm1,528) u danni ulterjuri, rapprezentanti t-taxxa fuq id-dhul u mghaxijiet zejda imposti, fuqha b'konsegwenza tal-fatt illi hallas erba' snin tard arretrati ta'

pensjoni dovuti lill-attrici skond il-ligi, u b'hekk dawn l-arretrati kienu ntaxxati bl-oghla rata ta' taxxa f'sena wahda flok b'rata anqas fuq erba' snin, kif jidher mill-prospett mehmuz ma' l-avviz.

Ihallas ukoll l-ispejjez, fosthom dawk tal-protest gudizzjarju tas-26 ta' Settembru 2002 u ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Settembru 2004, u l-imghaxijiet mid-data tal-protest gudizzjarju kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tas-Sigurta' Socjali f'isem il-Gvern ta' Malta fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ai termini ta' l-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu l-fakulta illi jirrapprezenta lill-Gvern unikament f'materja ta' sigurta' socjali u ghalhekk huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni li tirrigwarda kwistjoni ta' taxxa fuq id-dhul li taqa' fil-mansjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

2. Illi preliminarjament ukoll in kwantu li l-attrici qed timpunja l-att amministrattiv li jikkonsisti fi stima ta' taxxa fuq l-income, hemm id-dekadenza mill-azzjoni stante t-trapass tat-terminu ta' sitt xhur kif stipulat fl-Artikolu 469 A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jippremetti illi l-funzjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali hija li jhallas l-pensjonijiet u bhal kull min jaghmel pagament ma jidholx fi kwistjonijiet dwar kemm se jhallas taxxa fuq id-dhul min jircievi l-hlas, liema kwistjonijiet jikkoncernaw esklussivament lit-*taxpayer* u lill-Kummissarju tat-Taxxi Nnterni u huma regolati b'ligijiet specjali dwar it-taxxa li jipprovdu ghal fakolta' ta' oggezzjoni, appell lill-

Bord ta’ Kummissarji Specjali dwar it-Taxxa fuq l-Income u appell ulterjuri fuq punt ta’ dritt quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Illi ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mit-talbiet.

4. Subordinatament, illi l-procedura odjerna fejn stima ta’ taxxa dwar id-dhul qeghda tigi impunjata b’mod differenti minn kif jipprovdu l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Income u l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income hija irritwali u l-kawza odjerna, ghad li velata bhala kawza ghad-danni hija nulla stante nuqqas ta’ konformita mat-termini u mad-disposizzjonijiet tal-ligijiet dwar it-taxxa meta dak li huwa fil-fatt qed jigi impunjat hija stima ta’ taxxa.

5. Illi l-hlas tat-taxxa huwa obbligu socjali naxxenti mil-ligi u essenzjali ghas-socjeta’ u l-hlas ta’ taxxa ghalhekk qatt ma’ jista’ jikkostitwixxi ‘danni’ fit-termini tal-Kodici Civili liema danni iridu jkunu naxxenti minn kuntratt, minn delitt jew minn kwazi-delitt u ma jistghux ikunu jikkostitwixxu obbligu legali bhal hlas ta’ taxxa.

6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-eradikar ta’ l-azzjoni odjerna fuq allegazzjoni ta’ pagament tardiv hija svijata stante illi d-dritt li l-attrici tithallas dawn il-flus twieled meta ghaddiet emenda fis-sena 1996 u bis-sahha taghha l-pensjonijiet ta’ eluf ta’ pensjonanti gew riveduti b’rizultat ta’ l-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu 33A (gdid) tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-pensjoni tar-romol saret iktar favorevoli milli kienet qabel ghall-pensjonanti in kwistjoni in forza ta’ l-istess emenda u mhux in forza ta’ xi dritt antecedenti ghall-istess. Inoltre, l-Artikolu 33A tal-Kap 318 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jiffissax terminu ghall-obbligazzjoni tal-hlas fil-kaz ta’ revizjoni ta’ pensjonanti.

7. Subordinatament, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attrici hija penzjonanta u kienet tircievi l-pensjoni taghha b'mod regolari. B'effett mis-6 ta' Jannar 1996 saret emenda ghall-Artikolu 33 ta' l-Att dwar is-Sigurta' Socjali permezz tal-Att 21 tal-1996. Qabel l-emenda l-penzjoni tar-romol kienet ikkalkolata fuq il-'*contribution average'* u tohrog cifra stabbilita', skond skeda ta' l-istess att. Wara l-emenda d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kellu bzonn jigbor informazzjoni fuq l-impjieg illi kellu r-ragel, l-mara kif ukoll is-salarju qabel il-mewt. Skond id-Direttur konvenut Joseph Camilleri dana kien jinvolvi ezercizzju twil u kumplikat peress illi kellhom jigu nvestigati disat elef armel u armla u kellhom jigu mfittxija records ta' sebgha u ghoxrin elf persuna. Fl-ahhar, f'Mejju 2000 kien hemm id-*database* necessarji sabiex isiru l-hlasijiet u b'ittra datata 15 ta' April 2000 l-attrici rceviet il-hlas dovut lilha b'effett mis-6 ta' Jannar 1996 sas-6 ta' Mejju 2000.

L-arretrati thallsu b'cekk wiehed. Meta l-attrici mbaghad ikkalkolat dak li kien dovut lilha matul iz-zmenijiet u baghtet is-*self assessment* lid-Dipartiment tat-Taxxa, dan l-ahhar dipartiment ma accettax il-kalkoli ta' l-attrici u minflok iddecieda li jintaxxa lill-attrici fuq l-ammont shih ta' arretrati li rceviet permezz ta' dak ic-cekk tas-6 ta' Mejju 2000. Dan kien ifisser pregudizzju finanzjarju kbir ghall-attrici peress illi mhux biss kellha tigi ntaxxata bl-oghla rata imma kellha thallas ukoll l-interessi taz-zmien illi t-taxxa ma thallsitx.

L-attrici dehrilha illi kienet saret ingustizzja kbira fil-konfront taghha u ghamlet ilment lill-Ombudsman li permezz ta’ ittra tal-15 ta’ April 2002 (fol 51) laqa’ l-ilment taghha, iddikjara nuqqas fid-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u rrakkomanda illi d-Dipartiment tat-Taxxa jaghmel l-aggustamenti halli jirrifondi l-flus lill-attrici u ssir gustizzja maghha. Peress illi d-decizzjonijiet tal-Ombudsman mhumiex vinkolanti fuq id-dipartimenti, id-Dipartiment tat-Taxxa ghazel li jinjoraha u ghalhekk l-attrici ma kellhiex triq ohra li tadixxi lill-Qorti sabiex tiehu l-gustizzja li jidhrilha li ghandha tiehu. Ta’ dan id-direttur konvenut qajjem diversi eccezzjonijiet fosthom dak li ma kienx il-legittimu kontradittur u t-tieni l-impunjar ta’ att amministrattiv kien fi kwalunkwe kaz preskritt permezz tat-terminu ta’ dekadenza ta’ sitt xhur, fost eccezzjonijiet ohra illi jirrigwarda l-meritu.

Rigward l-ewwel eccezzjoni l-Qorti tirrileva li din il-kawza hija wahda ghad-danni. Kien id-direttur konvenut li ghamel il-pagament illi l-attrici dehrilha kien wiehed tardiv u ghalhekk dan in-nuqqas kien dovut ghal *mismanagement* min nahha tad-direttur konvenut fejn allura minhabba fih kellha thallas rata oghla ta’ taxxa. Dina hija kawza semplici ghad-danni. Kawza ta’ xi nuqqas da parti tad-direttur konvenut. Ghalhekk biex din l-istanza tirnexxi kullma l-attrici trid tipprova hu illi l-konvenut kien sa certu punt negligenti u ha zmien twil, mhux ragonevoli, sabiex ghamel il-kalkoli tieghu u hallas dak li hu dovut lill-attrici. Mhuwiex qed jigi mpunjat l-ebda att amministrattiv u lanqas ma huwa mdahhal fil-kawza l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq il-binarji li gew indikati lilha permezz ta’ l-avviz promotur li fih l-attrici qieghda titlob il-hlas ta’ €3559.28 (Lm1,528) bhala danni kkalkolati fuq it-taxxa zejda u nteressi li kienet kostretta thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni kawza ta’ nuqqas ta’ l-istess dipartiment tas-Sigurta’ Socjali. Ghalhekk

ir-ragunar tad-direttur konvenut dwar liema regolamenti kellhom japplikaw jew ma japplikawx sabiex tigi mpunjata att amministrattiv ma japplikawx f'dan il-kaz u biex l-istanza tirnexxi, l-Qorti trid allura tinvestiga l-agir tad-direttur konvenut u safejn dan jista' jkun ikkritikat u censurat ghaz-zmien illi ha sabiex johrog ic-cekkijiet relattivi u ghalhekk, tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur konvenut u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu fl-isfond tal-fatti fuq elenkati.

Ikkunsidrat:

Ma hemmx dubbju illi l-ezercizzju illi dahal ghalih id-dipartiment konvenut kien wiehed komplikat hafna u wiehed kien jippretendi illi kien ser jiehu z-zmien sabiex jigi kompletat minghajr ma jsiru zbalji bi pregudizzju ghall-penzjonant. Pero' mehud in konsiderazzjoni l-mod kif id-dipartiment organizza ruhu sabiex jinfaccja dan ic-challenge, l-Qorti jidhrilha illi kien hemm nuqqas ta' *management* min nahha ta' l-istess dipartiment. Dana johrog car mix-xhieda li ta Adrian Attard a fol 74 *Principal Officer* fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Is-Sur Attard xehed illi matul il-gurnata l-impjegati tad-dipartiment kienu qed jipprocessaw il-penzjonijiet u l-pagamenti dovuti ta' kulljum, waqt illi x-xoghol sabiex jigi kkalkolat l-arretrati kien isir permezz ta' *overtime*. Dana kien fuq bazi volontarja u ma kienx wiehed regolari. Kien jieqaf f'Awissu. Kien jieqaf fil-Milied u wkoll wara li kien hemm bdil fl-amministrazzjoni li kollha kkontribwew ghad-dewmien sabiex jigi finalizzat l-ezercizzju.

Il-Qorti jidhrilha li dina mhijiex amministrazzjoni tajba. Jekk il-Gvern ried jaghmel bicca xoghol u jintroduci sistema ghall-beneficcju tal-penzjonanti, kellu jipprovdi wkoll il-manpower bizzejjed sabiex

dan l-ezercizzju jigi finalizzat bl-aktar zmien possibbli. Ma kienx sew illi d-dipartiment jithalla ghaddej b'dan il-piz bl-istess nies illi kellu qabel u lanqas ma kien sew illi d-dipartiment jirriduci l-ipprocessar ta' dan l-ezercizzju biss fuq overtime li kien jinvolvi ftit sighat wara l-hin meta l-ufficjali jkunu diga' ghajjenin wara gurnata xoghol. Mhuwiex sew illi c-cittadin ghandu jbaghti u jsofri l-konsegwenza ta' dewmien da parti ta' dipartiment tal-Gvern.

Il-Qorti taqbel ma' l-argument illi gab l-Ombudsman fir-rapport tieghu paragrafu 10 a fol 55 meta jghid *"it is obvious that when the revision of the pension due to a retired person or the payment of arrears takes about four years, then this constitutes glare instance of bad administration, regardless of the circumstances and of the reasons underlying the management of any such case."* L-Ombusdman imur oltre u wkoll jaghti censura lid-dipartiment tat-Taxxi Nterni meta jghid fl-istess paragrafu *"obviously this is unfair and unreasonable and while unwitting pensioners should not be made to pay the price resulting from an act of bad administration, at the same time the exchecker should not be seen to benefit from the Government's administrative short comings."*

Bhalma gia nghad pero' l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni mhuwiex qieghed f'din il-kawza u din il-Qorti ma tistax tiehu provvedimenti fir-rigward tieghu, pero' ma hemmx dubbju illi d-direttur konvenut kien responsabbli ghal *"glaring instances of bad administration"* meta dan ha aktar minn erba' snin sabiex jipprocessa ezercizzju li suppost kellu jkollu l-manpower bizzejjed sabiex jigi kompletat fi zmien qasir. Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-Ombudsman fl-ittra illi huwa baghat lill-attrici fil-15 ta' April 2002 (fol 51) meta huwa ggustifika l-ilment ta' l-attrici u ndirizza l-kawza bhala nuqqas tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Ghal dak illi huwa l-kwantum,

il-prospett tad-danni kif mahdum mill-attrici u esebit a fol 7 tal-process ma giex kontestat mid-direttur konvenut u l-Qorti tara illi dawn il-kalkoli huma gustifikati u jimmeritaw li jkunu kkonfermati f'dan il-gudizzju.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-direttur konvenut. Tilqa' t-talba ta' l-attrici u tikkundanna lid-direttur konvenut illi jhallas is-somma €3559.28 (Lm1,528) danni rapprezentanti taxxa fuq id-dhul u mghaxijiet zejda imposti fuq l-attrici b'konsegwenza tal-fatt illi thallset erba' snin tard arretrati ta' pensjoni dovuti lilha skond il-ligi, wara illi dawn l-arretrati kienu ntaxxati bl-oghla rata ta' taxxa f'sena wahda flok b'rata anqas fuq erba' snin.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra d-direttur konvenut."

L-aggravji tal-konvenut Direttur tas-Sigurta` Socjali fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huma dawn hawn taht ri-epilogati:-

(1) Gjaladarba l-azzjoni tirrigwarda materja ta' taxxa fuq id-dhul u precizament, il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni intaxxa l-arretrati tal-pensjoni ta' l-attrici (1996 sa l-2000) f'sena bazi wahda, huwa ma ghandux jitqies il-legittimu kontradittur. F'dan l-istess kuntest jissottometti li ghad li hu veru li l-azzjoni hi prezentata bhala wahda ghad-danni kontra tieghu ghall-hlas tardiv, se mai hu seta' jwiegeb biss ghall-hlas ta' imghaxijiet;

(2) L-attrici qed timpunja att amministrattiv konsistenti fi stima ta' taxxa fuq l-*income*. Ghall-kaz, allura, skond l-appellanti kellu japplika d-dispost ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, senjatament it-terminu dekadenzjali ta' sitt xhur ghal proposizzjoni ta' l-azzjoni;

(3) Il-kwantum tal-hlas ta’ taxxa ma kienx jaqa’ fil-kompetenza tieghu izda f’dak tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Konsegwentement, jirraguna, illi l-attrici kien messha impunjat l-istima ta’ taxxa skond l-ghodod procedurali akkordati mill-Attijiet relattivi dwar it-Taxxa fuq l-Income;

(4) Il-hlas tat-taxxa huwa obbligu socjali naxxenti mil-ligi u l-principji tas-solidarjeta` socjali u, allura, il-hlas ta’ taxxa *per se* qatt ma jista’ jikkostitwixxi fatt li jista’ jaghti lok ghall-hlas tad-danni taht il-Kodici Civili;

(5) Taht il-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ma hemm ebda terminu ghas-sodisfaciment ta’ l-obbligu tal-hlas fil-kaz ta’ revizjoni ta’ pensjonijiet. Jargumenta allura illi, ghad li d-dritt ta’ l-attrici biex tircievi pensjoni awmentata jsib il-bazi tieghu fl-emendi ghall-kapitolu imsemmi, il-kwestjoni dwar b’kemm kellha tizdied il-pensjoni ma kienx rizolubbli mil-ligi stess izda minn process ta’ verifika biex ikun determinat min mill-pensjonanti tar-romol kienu eligibbli ghaliha, ir-rata l-gdida tal-pensjoni u l-ammont relattiv. Fuq l-istregwa ta’ dan l-argoment jissokta jirraguna illi, konsegwentement, l-ammont jitqies li sar dovut minn meta gie kompletat dan l-ezercizzju ta’ verifika u mhux minn meta ghaddiet il-ligi. *Ergo*, jikkonkludi, li hi ghal kollox gratuwita u priva minn fondament guridiku l-affermazzjoni ta’ l-ewwel Qorti ta’ “malamministrazzjoni” jew ta’ “delitt” taht il-Kodici Civili;

(6) B’dan il-gravam l-appellanti jkompli jelabora li hu kellu jghaddi minn process li bilfors kien jirrikjedi ammont sostanzjali ta’ zmien. F’dan il-kuntest jirrikorri ghas-setgha diskrezzjonali affidata lilu mil-ligi, ex-Artikolu 98 (1) (b) (iii) tal-Kapitolu 318. Agguntivament, jissottometti illi l-beneficcju moghti lill-pensjonanti bl-emendi ta’ l-1996 ma gewx moghtija ghab-bazi ta’ xi obbligazzjoni legali izda kien biss att unilaterali ta’ generosita li ma jista’ jaghti lok ghall-ebda azzjoni ghad-danni bazata fuq id-dewmien fl-effettwar tal-pagament;

(7) Ir-rapport ta’ l-Ombudsman jikkostitwixxi biss opinjoni u mhux prova tal-verita ta’ xi fatt jew tal-legalita`,

o meno, ta' xi att. Dejjem skond l-appellanti dak ir-rapport kellu jitqies irrelevanti fi proceduri civili peress illi l-iskop tieghu mhux id-determinazzjoni tal-legalita` izda l-hekk imsejha "*good administration*";

(8) L-ewwel Qorti ma messhiex laqghet it-talba attrici ghall-hlas tad-danni ghab-bazi ta' kalkolazzjoni maghmula mill-attrici stess;

(9) In-nuqqas ta' l-attrici li thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni l-ammont dovut bhala taxxa addizzjonali u/jew imghaxijiet ma kellux jigi trasferit fuqu;

Esposti dawn l-obbjezzjonijiet kollha, f'bosta aspetti ripetuti fis-singoli aggravji, huwa evidenti, bl-ewwel osservazzjoni, illi mill-ezami generali tas-sottomissjonijiet argomentativi illi d-Direttur appellant, b'kull rispett dovut, ma afferrax sufficjentement il-kwestjoni sottostanti ghal liema tqanqlet id-domanda attrici. Fis-semplicita` taghha din id-domanda hi wahda diretta ghal kundanna tad-Direttur ghar-rizarciment tad-danni konsistenti fl-assoggettar ghal hlas ta' taxxa zejda b'konsegwenza ghal mod kif l-istess Direttur ghogbu jaghmel il-hlas tal-pensjoni tar-romol dovut lilha. It-tezi bazika taghha tista', in fatti, tigi rikapitolata kif gej:-

(1) Il-ligi, *ex*-artikolu 33A ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali, kienet turi t-triq minn meta l-awment fir-rata tal-pensjoni taghha kellu jithallas lilha, ossija b'sehh mis-6 ta' Jannar, 1996;

(2) Id-Direttur kien tardiv f'dan il-hlas b'erba' snin u nofs u meta hu hallas l-arretrati tal-pensjoni f'salt (6 ta' Mejju 2000) dan gab li hi giet intaxxata bl-oghla rata fuq l-ammont kollu ricevut fis-sena bazi ta' taxxa minflok dhul mifrux fuq is-snin, kif suppost kellu jkun. Kien dan il-hlas zejjed ta' taxxa ghal dik ir-raguni li wassal ghad-danni li bl-azzjoni taghha riedet tirkupra minghand l-appellanti;

Premess dan, jikkonsegwi bhala t-tieni osservazzjoni, illi d-diversi espressjonijiet ta' fehma, interpretativa jew suggerita, li bihom l-appellanti affronta t-talba ta' l-attrici ma jista' jkollhom ebda sussistenza. In meritu din il-Qorti qed taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet preliminari:-

(1) *In primis*, l-azzjoni ma kienetx tirrigwarda kwistjoni ta' taxxa li ghaliha kienu applikabbli d-disposizzjonijiet relattivi taht il-ligi fiskali dwar it-Taxxa fuq l-Income. La ma kienetx din jikkonsegwi illi, allura, il-vertenza ma kienetx tattira lejha ebda impunjattiva ta' xi stima ta' taxxa fit-termini ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa fuq l-Income;

(2) Ugwalment, u fit-tieni lok, il-kwestjoni ghall-istharrig taghha mill-Qorti adita ma kienetx tikkoncerna investigazzjoni ta' xi ghemil amministrattiv jew tal-validita` o meno tieghu dwar liema, fil-kaz kongruwu, kien isib applikabilita` d-dispost ta' l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(3) Mill-mod kif koncepita l-kwestjoni fundamentali kienet wahda ben esplicita u kienet tinvolvi indagini dwar (i) l-ezistenza u c-certezza tad-danni allegati, (ii) l-accertament tar-responsabilita` fil-konvenut improntata ghar-ricerka tan-ness ta' kawzalita`, u (iii) il-konsistenza kwantitativa tad-danni. Dan huwa appuntu l-punt kollu li kellu jigi deciz. F'din il-perspettiva huwa difficli ghal din il-Qorti li taccetta, bhala proposizzjoni guridika korretta, illi l-appellanti ma kienx il-legittimu kontradittur;

Mill-ottika ta' l-attrici appellata l-azzjoni taghha tidher li hi arginata fuq il-vjolazzjoni da parti tad-Direttur appellanti li jhares l-obbligu ta' imgieba li skond il-ligi, ex-Artikolu 98 (1) (b) (iii), hu kien tenut li josserva. Evidentement, din id-diposizzjoni ggib maghha ghas-soggett intitolat ghal pensjoni, jew assistenza prevedenzjali ohra, l-ezercizzju da parti tad-Direttur ta' dik l-attivita` determinata rivolta, sew direttament sew strumentalment, ghall-attwazzjoni ta' dik il-funzjoni istituzzjonali tieghu konsistenti fl-erogazzjoni f'waqtha, u fit-terminu prevvist, tal-pensjoni dovuta jew ta'

kull zieda taghha. Hekk kif inhu mistenni mic-cittadin privat l-adempiment fidili fil-hlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali taht l-Att, hekk ukoll l-oghla principji tal-*good governance* jesigu li l-organi ta' l-amministrazzjoni jimpenjaw ruhhom biex ic-cittadin jikkonsegwi, b'mod adegwat, l-interessi legittimi tieghu taht il-ligi jew ir-regolamenti li jitnisslu minnhom;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi fejn l-interess legittimu jkun meritevoli ta' tutela skond il-ligi posittiva, il-lezjoni tieghu jista', fid-dati cirkostanzi, jkunu fonti ta' responsabilita` anke akwiljana, li jaghti lok ghar-rizarciment tad-dannu ingust fejn jirrizulta li s-soggett jisfa danneggjat b'effett ta' attivita illecita jew illegittima mill-Amministrazzjoni Pubblika. Dan f'korrelazzjoni tad-diversi dikasteri ta' din l-istess Amministrazzjoni Pubbliku fir-relazzjonijiet taghhom mac-cittadin;

Affermat dan, il-Qorti ma tistax leggerment taccetta l-iskuzanti suggerita mill-appellanti illi l-ezercizzju ta' kontabilita` li kellu jaghmel kien igib mieghu l-esigenza tad-dilazzjoni tal-hlas taz-zieda tal-pensjoni dovut lill-attrici. Jista' forsi jigi ammess li l-mekkanizmu kien wiehed kumpless, imma dan ma kellux, imbaghad, jitrasmoda f'xi gustifikazzjoni mir-responsabilita` ghall-adempiment tardiv tal-prestazzjoni jew ikollu xi influwenza negattiva fuq ir-rapport bejn id-dikasteru tas-sigurta` socjali u l-attrici. Ikollu jinghad illi daqskemm hu obbligu socjali l-hlas tempestiv tat-taxxa, daqstant iehor hu obbligu socjali l-pagament tempestiv tal-beneficcju tal-pensjoni moghti b'ligi;

Bl-istess mod, ukoll, din il-Qorti ma tistax taccetta b'ghajnejha maghluqa s-sottomissjoni illi l-kliem tal-ligi "jista' minn zmien jistabilixxi" fl-Artikolu 98 (1) (b) (iii) ghandu jkollhom is-sinjifikat ta' xi diskrezzjoni assoluta dwar l-applikabilita` tat-terminu, divers minn dak prevvist fl-istess disposizzjoni. Id-diskrezzjoni mhix xi strument ta' poter, amministrattiv jew aggudikanti, inkontrollabbli u

invarjabbli. Anzi, kif rikonoxxut, hemm limitu ghall-ezercizzju tas-setgha tad-diskrezzjoni. Dan fis-sens li l-atti diskrezzjonali ta' ufficcjal jew korp amministrattiv jista' jigi sindakat mill-Qorti billi jigi ezaminat jekk l-poter diskrezzjonali giex ezercitat legalment, fis-sustanza u fil-forma, u kienx "*fair and honest*". Fi kliem iehor, *rite* u *recte*. Ara "**Negte Ugo Pace *et* -vs- Prof. Joseph Anastasi Pace *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Mejju, 1946. Jekk, imbaghad, kif sostenut mill-appellanti huwa ma kien marbut b'ebda terminu, tajjeb li jigi mfakkar it-taghlim oltre sekolari illi "*la discrezione, pero`, non puo tradursi in arbitrio; anzi, al contrario, nel fare uso della discrezione accordata è mestiere che risulti essere giusta, e fatta con discernimento e giudiziosamente, secondo l'esigenza del caso e lo spirito della legge*" ("**Negte Francesco Saverio Caruana -vs- Onor. Neg. Emmanuele Scicluna *nomine***", Appell Kummercjali, 16 ta' Frar, 1876 a **Vol. VII pagna 522**). Ikollu jinghad bi qbil ma' l-osservazzjoni ta' l-appellata fir-risposta ta' l-appell taghha, illi la, kif rikonoxxut mill-appellanti nnifsu, id-dritt ghal hlas dovut lilha twieled fl-1996, id-diskrezzjoni ma kellhiex tissarraf b'mod illi allura l-applikazzjoni tal-ligi u tal-hlas okkorrenti taz-zieda fir-rata tal-pensjoni ssir meta jidhirlu l-appellanti, skond il-kumdita tieghu, u biss wara l-iffinalizzar ta' l-ezercizzju intern dipartimentali;

Dan li nghad iwassal ghal din il-konsiderazzjoni. Jikkostitwixxi principju konsolidat illi, ukoll, fl-ezercizzju ta' attivita` diskrezzjonali l-Gvern u l-varji entitajiet li jikkomponuh huma tenuti ghall-osservanza tal-principju generali *neminem laedere*. Tali principju hu estiz anke ghall-kaz ta' somministrazzjoni ta' pensjonijiet u ghajnuniet socjali ohra regolati b'ligi. Ir-responsabilita` hi konfigurabbli kull meta l-Amministrazzjoni Pubblika tonqos li fl-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet taghha, dixxiplinati minn xi ligi, tikkonforma ruhha mar-regoli tal-korrettezza u dik tad-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Alternattivament, jkollha twiegeb ghad-danni fejn tonqos li tadempixxi ruhha ma' dawk l-istess obbligazzjonijiet, b'mod ezatt u puntwali, jew li tattiva b'tempestivita` l-

mekkanizmi necessarji ghal dak l-istess adempiment preskritt mil-ligi;

Kif taraha din il-Qorti, anke independentement mir-rapport ta' l-Ombudsman, ma jistax jinghad, fil-kaz in ispecje, li l-adozzjoni tal-mekkanizmu adoperat mill-appellanti jista' qatt jakkwista t-timbru ta' xi amministrazzjoni tajba jew rakkomandabbli, u ghal liema kellu suppost jaspira ruhu. Hu, anzi, distingwibbli illi l-appellanti naqas li juniforma ruhu mal-ligi, ezemplifikata mill-Artikoli 33A u 98 (1) (b) (iii) tal-Kapitolu 318 kombinati flimkien, u dan l-att illegittimu tieghu mhux biss gab vjolazzjoni tar-regoli ta' l-amministrazzjoni tajba izda wkoll lezjoni ghall-aspettattivi legittimi ta' l-appellata taht l-isemmi Kapitolu;

L-Artikolu 1139 jew 1141 (2) tal-Kodici Civili, ghal liema jirreferi l-appellanti, ma ghandhom ebda rilevanza ghal kaz taht ezami ghax il-kwestjoni ma kienetx titratta minn wahda ta' interessi, la korrispettivi u lanqas moratorji. Ir-reklam ta' l-attrici ghad-danni mhux konness ma' pagament tardiv izda bhala konsegwenza diretta u, ukoll, provata, tan-nuqqas ta' l-appellanti li jhares id-dettami tal-ligi. La dan huwa hekk il-kaz, l-appellanti ma jistax jippretendi li jista' jikkontesta b'success il-kwantum ta' dak kollu li l-attrici appellata kienet kostretta tizborsa fi hlasijiet ta' taxxa zejda, penali u mghaxijiet lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghal fatt li l-arretrati tal-pensjoni thallsu lilha f'daqqa, u mhux ukoll skond l-intervalli pprecizati mil-ligi;

Jinzel minn dan b'konkluzjoni illi, sew fuq l-interpetazzjoni akkordata lid-disposizzjonijiet succitati tal-ligi specjali, sew ukoll bl-applikazzjoni tan-normi tal-ligi komuni taht il-Kodici Civili relattivi ghad-danni u dik tar-responsabilita` dwarhom, ebda wiehed mill-aggravji dedotti ma jinsab li hu meritevoli ta' akkoljiment. Fiz-zgur, mhux ic-censura li l-appellanti jittanta jaghmel f'din is-sede dwar il-likwidazzjoni ta' l-istess danni. Kif kellha aktar minn okkazjoni wahda tirrileva din il-Qorti, fl-istadju ta' l-appell ma jistghux jigu introdotti fil-process temi godda ta'

indagini u ta' decizjoni li ma jkunux tqajmu quddiem it-tribunal ta' l-ewwel grad. Anzi, il-Qorti tat-tieni grad mhix obbligata li tezamina l-mertu tad-domanda mressqa lilha taht forma ta' aggravju meta din ma tkunx iffurmat kontroversja fil-prim' istanza. Kif proprju rribadiet, sa recentement hafna, il-Qorti ta' l-Appell Superjuri "dan mhux biss in kwantu tali indagini tkun tinnecessita s-smigh ta' provi godda fuq kwistjoni gdida sollevata fir-rikors ta' appell, liema provi ma jirrizultawx fil-process, izda wkoll billi b'kull decizjoni f'dan l-istadju fuq materja gdida li ma kienetx mertu tas-sentenza appellata jigi lez id-dritt tal-partijiet ghad-*doppio esame ...*" ("**Adrian Busietta *proprio et nomine* -vs- Philip O. Gatt *proprio et nomine***", 30 ta' Mejju, 2008).

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell f'kull wiehed mill-kapi ta' l-aggravji tieghu u tikkonferma is-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra d-Direttur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------